IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 25.10.2016
COM(2016) 686 final

2016/0338 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## dwar Mekkaniżmi għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Tassazzjoni Doppja fl-Unjoni Ewropea

{SWD(2016) 343 final}
{SWD(2016) 344 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Mill-ewwel jum tal-mandat tagħha, din il-Kummissjoni poġġiet fil-quċċata tal-aġenda politika tagħha l-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment. Biex tilħaq dawn il-prijoritajiet ġenerali, il-Kummissjoni, fost l-oħrajn, imbuttat aġenda ta' riforma ambizzjuża għal suq intern aktar profond u ġust, bħala pedament essenzjali biex tinbena ekonomija tal-UE aktar b'saħħitha u kompetittiva.

Fir-rigward tat-tassazzjoni, dawn l-għanijiet jittraduċu ruħhom fil-ħtieġa li tinbena sistema ta' taxxa korporattiva ġusta u effiċjenti fl-UE.

Sabiex tassigura s-sens ta' ġustizzja tas-sistemi tat-taxxa, il-Kummissjoni għamlet il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa prijorità ewlenija u imbuttat aġenda attiva ħafna ta' riformi. F'dan il-kuntest il-Kummissjoni - f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew - qed tibni struttura solida ta' difiża kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa fl-Ewropa, sistema ta' reazzjoni robusta kontra t-theddidiet esterni għall-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri u triq ċara lejn tassazzjoni aktar ġusta għaċ-ċittadini u għan-negozji kollha tal-UE. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jiġi assigurat li s-sistemi tat-taxxa jkunu wkoll effiċjenti, sabiex ikunu jistgħu jappoġġaw ekonomija aktar b'saħħitha u kompetittiva. Dan għandu jsir billi jinħoloq ambjent tat-taxxa aktar favorevoli għan-negozji li jnaqqas l-ispejjeż ta' konformità u l-piżijiet amministrattivi, u jassigura ċ-ċertezza tat-taxxa. B'mod partikolari, l-importanza taċ-ċertezza tat-taxxa fil-promozzjoni tal-investiment u fl-istimular tat-tkabbir dan l-aħħar kienet rikonoxxuta mill-mexxejja tal-G20 u saret il-fokus globali ġdid fil-qasam tat-tassazzjoni.

Għalhekk il-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, fuq livell kemm tal-UE kif ukoll globali, trid timxi id f'id mal-ħolqien ta' ambjent tat-taxxa kompetittiv għan-negozji. Dawn huma ż-żewġt uċuħ tal-istess munita. Sistema tat-taxxa ġusta mhijiex biss waħda li tassigura li l-profitt jiġi fil-fatt intaxxat fejn ikun iġġenerat, iżda hija wkoll waħda li tassigura li l-profitt ma jiġix intaxxat darbtejn.

Waħda mill-problemi ewlenin li n-negozji li joperaw bejn il-fruntieri qed jaffaċċjaw bħalissa hija t-tassazzjoni doppja. Diġà hemm fis-seħħ mekkaniżmi li jittrattaw is-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja. Dawn huma l-Proċeduri ta' Ftehim Reċiproku (MAP) li huma previsti fil-Konvenzjonijiet kontra t-Taxxa Doppja (DTCs) konklużi mill-Istati Membri kif ukoll fil-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ tal-Unjoni[1] dwar l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja b'rabta mal-aġġustament tal-profitt ta' intrapriżi assoċjati. Il-Kummissjoni timmonitorja l-għadd ta' każijiet li jiġu ttrattati mill-Istati Membri u r-riżultati rispettivi fuq bażi annwali. L-analiżi turi li hemm każijiet li ma jitħallewx jidħlu fil-mekkaniżmi eżistenti, li mhumiex koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ tal-Unjoni jew mid-DTCs, li jeħlu mingħajr ma l-kontribwent jiġi infurmat dwar ir-raġunijiet jew li ma jiġux solvuti.

Għalkemm il-mekkaniżmi eżistenti jaħdmu tajjeb f'ħafna każijiet, hemm bżonn li dawn jaħdmu aħjar fir-rigward tal-aċċess tal-kontribwenti għal dawk il-mekkaniżmi, il-kopertura, il-

[1] Il-Konvenzjoni 90/436/KEE dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni mal-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati; ĠU L 225, 20.8.1990, p. 10.

puntwalità u l-konklussività. Barra minn hekk, il-metodi tradizzjonali ta' soluzzjoni tat-tilwim ma għadhomx jgħoddu kompletament għall-kumplessità u r-riskji tal-ambjent tat-taxxa globali attwali.

Għalhekk hemm bżonn li jittejbu l-mekkaniżmi eżistenti għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja fl-UE bil-għan li titfassal sistema tat-taxxa ġusta u effiċjenti li żżid iċ-ċertezza tad-dritt. Dan huwa kontribut ewlieni għall-ħolqien ta' sistema tat-taxxa ġusta kif ukoll jassigura li s-suq intern tal-UE jibqa' żona attraenti għall-investiment.

Id-direttiva proposta tiffoka fuq in-negozju u l-kumpaniji, il-partijiet ikkonċernati ewlenin affettwati minn sitwazzjonijiet ta' tassazzjoni doppja. Din tibni fuq il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ tal-Unjoni eżistenti, li diġà tipprevedi mekkaniżmu obbligatorju u vinkolanti ta' arbitraġġ, iżda twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal oqsma li attwalment mhumiex koperti u żżid blokok immirati ta' infurzar sabiex tindirizza n-nuqqasijiet ewlenin identifikati fir-rigward tal-infurzar u tal-effettività ta' dan il-mekkaniżmu.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni għal Sistema tat-Taxxa Korporattiva Ġusta u Effiċjenti fl-UE, li kienet adottata fis-17 ta' Ġunju 2015[2] identifikat ħames oqsma ewlenin għal azzjoni. Wieħed minn dawn l-oqsma kien jirrigwarda l-ħolqien ta' ambjent tat-taxxa aħjar għan-negozju fl-UE, sabiex jiġu promossi t-tkabbir u l-impjiegi fis-Suq Uniku. Il-Komunikazzjoni identifikat li l-proposta għal Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK), ippjanata li tiġi adottata fl-istess jum ta' din il-proposta, se tkun pass importanti lejn ambjent tat-taxxa aħjar għan-negozju iżda rrikonoxxiet li, sadanittant, inizjattivi oħra għandhom itejbu l-ambjent tat-taxxa tal-UE għan-negozju.

Din il-proposta tikkumplimenta dik dwar il-BKKTK. Billi l-konsolidazzjoni hija biss parti mit-tieni fażi tal-approċċ il-ġdid għall-BKKTK, xorta jkunu meħtieġa mekkaniżmi effettivi għas-soluzzjoni tat-tilwim. Barra minn hekk, għalkemm il-BKKTK meta tkun kompletament adottata hija mfassla biex tassigura li l-profitti jiġu ntaxxati fejn ikunu ġġenerati, mhux il-kumpaniji kollha se jkunu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni obbligatorju tal-BKKTK. Għalhekk, wieħed jista' jistenna li anki wara se jkomplu jinqalgħu għadd ta' tilwimiet dwar it-tassazzjoni doppja, li għalihom irid ikun hemm fis-seħħ mekkaniżmi xierqa.

Barra minn hekk, din il-proposta tibni fuq id-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ tal-Unjoni. Id-Direttiva proposta għandha l-għan li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni u ttejjeb il-proċeduri u l-mekkaniżmi fis-seħħ mingħajr ma tibdilhom. Dan huwa mod biex jiġi assigurat li minn naħa l-Istati Membri jiġu pprovduti b'dispożizzjonijiet proċedurali aktar dettaljati għall-eliminazzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja iżda fl-istess ħin titħallielhom biżżejjed flessibbiltà sabiex jiftiehmu bejniethom dwar mekkaniżmu tal-għażla tagħhom. Is-sitwazzjoni għall-kontribwent titjieb f'diversi aspetti. Skont id-Direttiva proposta, il-kontribwenti jiksbu drittijiet imtejba sabiex jinfurzaw – soġġetti għal ċerti kriterji - l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' soluzzjoni, se jkunu infurmati aħjar dwar il-proċedura u jistgħu jserrħu moħħhom li l-Istati Membri se jkunu sfurzati jiksbu riżultati vinkolanti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattivi tal-Kummissjoni għal tassazzjoni aktar ġusta u aktar effettiva. Hija tikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tal-ostakoli

[2] (COM(2015) 302

tat-taxxa, li joħolqu distorsjonijiet li jfixklu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Għalhekk tikkontribwixxi għal suq intern aktar profond u ġust.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa diretta taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE). Il-klawżola tistipula li l-miżuri legali tal-approssimazzjoni skont dak l-artikolu għandhom ikunu fil-forma legali ta' Direttiva.

- **Sussidjarjetà**

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. In-natura tas-suġġett teħtieġ inizjattiva komuni fis-suq intern. Ir-regoli ta' din id-Direttiva għandhom l-għan li jtejbu l-effettività u l-effiċjenza tal-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja billi joħolqu xkiel serju għal Suq Intern li jiffunzjona tajjeb. Il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja huma min-natura tagħhom proċeduri bilaterali jew multilaterali, li jeħtieġu azzjoni kkoordinata bejn l-Istati Membri. L-Istati Membri huma interdipendenti meta japplikaw il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja: anki jekk ikunu disponibbli l-mekkaniżmi rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja, in-nuqqasijiet identifikati bħaċ-ċaħdiet tal-aċċess jew it-tul tal-proċedura jiġu solvuti effettivament biss jekk jiġu indirizzati u maqbula b'mod reċiproku mill-Istati Membri.

Iċ-ċertezza tad-dritt u l-prevedibbiltà fil-livell tal-kontribwent jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' sett komuni ta' regoli li jistabbilixxu obbligu ċar ta' riżultat, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-eliminazzjoni effettiva tat-tassazzjoni doppja u li jassiguraw l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja b'mod konsistenti madwar l-UE. Barra minn hekk, inizjattiva tal-UE żżid il-valur, meta mqabbla mar-regoli nazzjonali jew mat-trattati bilaterali eżistenti billi toffri qafas ikkoordinat u flessibbli.

Għalhekk, dan l-approċċ huwa skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TFUE.

- **Proporzjonalità**

Il-miżura prevista ma tmurx lil hinn minn dak li hu strettament meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet tagħha. Hija tibni fuq il-mekkaniżmi eżistenti u żżid għadd limitat ta' regoli sabiex ittejjibhom. Dawn ir-regoli huma mfasslin apposta sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati. Id-Direttiva tirreferi wkoll għal mekkaniżmi ta' Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR) u proċeduri ta' rikors li diġà jeżistu f'oqsma oħra. Fl-aħħar nett, id-Direttiva tassigura l-livell essenzjali ta' koordinazzjoni fi ħdan l-Unjoni.

L-għanijiet ta' din il-proposta jistgħu jinkisbu bi spejjeż minimi għan-negozji u għall-Istati Membri, filwaqt li jiġu evitati l-ispejjeż tat-taxxa u ta' konformità għall-kumpaniji kif ukoll l-ispejjeż amministrattivi bla bżonn għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri.

Fid-dawl ta' dan, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tagħha u għaldaqstant hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta hija bbażata fuq Direttiva, l-istrument disponibbli taħt il-bażi legali tal-Artikolu 115 tat-TFUE.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

Mis-17 ta' Frar sal-10 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni Ewropea għamlet konsultazzjoni pubblika fejn talbet feedback dwar l-*istatus quo*, l-għanijiet, it-tip ta' azzjoni possibbli u l-għażliet previsti. B'kollox waslu 87 sottomissjoni.

L-inizjattiva rċeviet appoġġ ġenerali mill-gruppi ta' partijiet ikkonċernati tan-negozju u minn għadd ta' Stati Membri li huma kkonċernati primarjament dwar l-impatt negattiv ta' nuqqas ta' azzjoni fuq livell tal-UE. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi, individwi privati u persuni oħra li wieġbu l-konsultazzjoni ma esprimewx pożizzjoni negattiva iżda b'kuntrast issottolinjaw l-impatt pjuttost pożittiv ta' inizjattivi oħra bħall-BKKTK.

Il-maġġoranza kbira ta' dawk li wieġbu ħassew li għandu jkun hemm fis-seħħ miżuri effettivi sabiex jassiguraw li titneħħa t-tassazzjoni doppja fi ħdan l-UE u li l-mekkaniżmi eżistenti mhumiex suffiċjenti fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tas-soluzzjoni obbligatorja u vinkolanti għat-tilwim, l-infurzar u l-effiċjenza. Huma ħassew li s-sitwazzjoni attwali hija detrimentali għat-tkabbir, toħloq ostakoli u tipprevjeni lill-investituri barranin milli jinvestu fis-suq intern tal-UE. Dawk li wieġbu, b'mod ġenerali kkonfermaw li kien jeħtieġ li tittieħed azzjoni fl-UE u li din għandha tibni fuq il-mekkaniżmi eżistenti. Filwaqt li l-għanijiet għandhom jassiguraw l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni vdoppja, ikunu kompatibbli mal-iżviluppi internazzjonali u jipprovdu rwol aktar b'saħħtu għall-kontribwenti.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Is-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw laqgħa tal-Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment (UE JTPF) u l-Pjattaforma għall-Governanza Tajba tat-Taxxa (Pjattaforma tal-UE) fit-18 ta' Frar 2016 u fil-15 ta' Marzu 2016[3] rispettivament sabiex jiddiskutu s-suġġett mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u mal-Istati Membri. Rapport fil-qosor dwar l-attivitajiet kollha ta' konsultazzjoni li twettqu mill-Kummissjoni Ewropea biex tappoġġa din l-inizjattiva jinsab fis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea. Fis-26 ta' Lulju 2016, l-inizjattiva kienet diskussa ulterjorment ukoll ma' rappreżentanti tal-Istati Membri.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija appoġġata minn valutazzjoni tal-impatt li kienet rieżaminata mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fis-7 ta' Settembru 2016. Il-Bord ħareġ opinjoni pożittiva.

Il-proposta hija bbażata fuq l-għażla preferuta identifikata fil-valutazzjoni tal-impatt, jiġifieri li jiġi stabbilit mekkaniżmu vinkolanti u obbligatorju effettiv għas-soluzzjoni tat-tilwim, jiġifieri Proċedura ta' Ftehim Reċiproku flimkien ma' fażi ta' arbitraġġ, b'limitu ta' żmien ċar u b'obbligu ta' riżultat għall-Istati Membri kollha. Il-proposta tapplika għall-kontribwenti kollha li huma soġġetti għal waħda mit-taxxi fuq l-introjtu elenkati fuq il-profitti tan-negozju.

---

[3] Il-Kummissjoni Ewropea, Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/company-tax/transfer-pricing-eu-context/joint-transfer-pricing-forum_en#meetings
Il-Kummissjoni Ewropea, Pjattaforma għall-Governanza Tajba tat-Taxxa https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/company-tax/tax-good-governance/platform-tax-good-governance_en#meeting

F’termini ta’ impatt ekonomiku, il-proposta se tnaqqas il-piż ta’ konformità u litigazzjoni għall-kumpaniji li joperaw fl-UE fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom bejn il-fruntieri. Hija se ttaffi wkoll kemm l-ispejjeż esterni kif ukoll l-ispejjeż tal-amministrazzjoni interna relatati mal-ġestjoni ta’ dawn it-tilwimiet. Din se tiffaċilita d-deċiżjonijiet ta’ investiment fl-UE billi tipprovdi aktar ċertezza u prevedibbiltà lill-investituri fir-rigward tan-newtralizzazzjoni tal-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mit-tassazzjoni doppja. Fil-livell tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa, il-proposta għandha tnaqqas id-dewmien u l-ispejjeż tal-proċedura, iżda wkoll isservi ta' inċentiv qawwi biex jiġu aġġustati l-kapaċità amministrattiva u l-proċeduri interni b’mod ottimali. Għalhekk se ttejjeb l-effiċjenza. Il-proposta għandu jkollha effett pożittiv fuq il-ġbir tat-taxxi fuq terminu medju u twil, peress li għandha tixpruna t-tkabbir u l-investiment fl-Unjoni Ewropea iżda ttejjeb ukoll il-kunfidenza tal-kontribwenti fis-sistema tat-taxxa b’mod ġenerali, u b’hekk tistimula l-konformità volontarja.

F’termini ta’ benefiċċji soċjali, din l-inizjattiva twieġeb għall-aspettattiva akbar mill-pubbliku għal sistema tat-taxxa ġusta u effettiva. Hija se tassigura l-konsistenza fit-trattament tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja għat-tranżazzjonijiet transfruntiera fil-livell tal-UE u tipprovdi wkoll għal aktar trasparenza dwar kif jiġu solvuti dawn il-każijiet li hemm nuqqas ta' qbil dwarhom.

- **Drittijiet fundamentali**

Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b’mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B’mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tassigura r-rispett sħiħ tad-dritt għal proċess ġust, billi tagħti aċċess lill-kontribwenti għall-qorti nazzjonali kompetenti tagħhom fl-istadju ta’ Soluzzjoni tat-Tilwim f’każ ta’ ċaħda tal-aċċess jew meta l-Istat Membru jonqos milli jistabbilixxi Kummissjoni Konsultattiva. Hija tissalvagwardja wkoll il-libertà ta’ intrapriża.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-impatt tal-proposta fuq il-baġit tal-UE huwa ppreżentat fid-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja l-proposta u se jiġi ssodisfat fi ħdan ir-riżorsi disponibbli.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta’ implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Kummissjoni se twettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva f’kooperazzjoni mal-Istati Membri. L-informazzjoni rilevanti se tinġabar primarjament mill-Istati Membri.

Il-monitoraġġ attwali tal-Konvenzjoni ta’ Arbitraġġ tal-Unjoni fil-livell tal-UE JTPF huwa propost li jiġi estiż għall-każijiet kollha ta’ tilwim dwar it-tassazzjoni doppja f’sitwazzjonijiet transfruntiera koperti mill-istrument legali ġdid u miġbura fuq bażi annwali. L-informazzjoni miġbura li ġejja se tippermetti li l-Kummissjoni tivvaluta jekk ikunux qegħdin jintlaħqu l-għanijiet:

- l-għadd ta’ każijiet mibdija/ magħluqa/ pendenti madwar l-UE
- it-tul ta’ żmien tal-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim, inklużi r-raġunijiet għan-nuqqas ta’ adeżjoni mal-iskedi ta’ żmien previsti
- l-għadd ta’ istanzi fejn ikun ġie miċħud l-aċċess minn Stat Membru

- l-ammonti ta’ taxxa involuti fil-każijiet (b’mod ġenerali u għal dawk li jmorru għall-arbitraġġ)
- l-għadd ta’ istanzi ta’ arbitraġġ mitluba.

Billi d-dejta statistika diġà tinġabar u għandha tkompli tinġabar fuq bażi annwali, mistenni li l-ispejjeż ta’ din l-attività ma jinbidlux kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni.

Ħames snin wara l-implimentazzjoni tal-istrument, il-Kummissjoni se tevalwa s-sitwazzjoni fir-rigward tas-soluzzjoni tat-tassazzjoni doppja f’sitwazzjonijiet transfruntiera għall-kumpaniji fl-UE fir-rigward tal-għanijiet u l-impatti ġenerali fuq il-kumpaniji u s-suq intern.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Fil-biċċa l-kbira d-Direttiva tibni fuq it-termini tal-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni mal-aġġustament tal-qligħ ta’ intrapriżi assoċjati (90/436/KEE)[4], il-Konvenzjoni ta’ Arbitraġġ tal-Unjoni, li hija parti mill-acquis tal-UE. Ladarba tiġi implimentata, id-Direttiva se tirrinforza s-soluzzjoni vinkolanti u obbligatorja tat-tilwim fl-UE.


Hija għandha twessa’ l-kamp ta’ applikazzjoni tal-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim għas-sitwazzjonijiet transfruntiera kollha soġġetti għat-tassazzjoni doppja fuq l-introjtu imposta fuq il-profitti tan-negozju (l-Artikolu 1). L-għan tal-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja u s-sitwazzjonijiet speċifiċi li dan għandu jkopri huma ddikjarati mill-ġdid fl-istess termini bħal fil-Konvenzjoni ta’ Arbitraġġ tal-Unjoni. Madankollu, id-Direttiva proposta żżid obbligu espliċitu ta’ riżultat għall-Istati Membri kif ukoll limitu ta’ żmien definit b’mod ċar. Mill-banda l-oħra, huma esklużi sitwazzjonijiet li jikkaratterizzaw nontassazzjoni doppja jew każijiet ta’ frodi, inadempjenza volontarja jew negliġenza gravi (l-Artikolu 15).

B’konformità mal-Konvenzjoni ta’ Arbitraġġ tal-Unjoni, id-Direttiva tippermetti Proċedura ta’ Ftehim Reċiproku (MAP), mibdija mill-ilment tal-kontribwent, li biha l-Istati Membri għandhom jikkooperaw b’mod liberu u jilħqu qbil dwar it-tilwima tat-tassazzjoni doppja fi żmien sentejn (l-Artikolu 4). Jekk il-MAP ma tirnexxix, din twassal awtomatikament għal proċedura ta’ soluzzjoni tat-tilwim bil-ħruġ ta’ deċiżjoni vinkolanti u obbligatorja finali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri involuti.

Id-dijagramma ta’ hawn taħt tippreżenta fil-qosor it-tliet stadji proċedurali ewlenin, l-ilment, il-MAP u l-proċedura ta’ soluzzjoni tat-tilwim:

[4] ĠU L 225, 20.8.1990, p. 10.


# Mekkaniżmu tal-UE għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Tassazzjoni Doppja – stadji proċedurali





L-Artikoli 3 sa 5 jipprovdu regoli formali sabiex jiġu kkjarifikati l-kundizzjonijiet li bihom ilment għandu jkun ammissibbli għall-MAP, jiġifieri l-perjodu taż-żmien għall-ilment, l-ispjegazzjoni tas-sitwazzjoni ta' tassazzjoni doppja mill-kontribwent u l-għoti tal-informazzjoni sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jeżaminaw il-każ u jikkunsidraw l-ammissibbiltà tiegħu. Huma jsaħħu wkoll l-informazzjoni mogħtija lill-kontribwent u jistabbilixxu obbligi għall-Istati Membri sabiex jibagħtu notifiki jekk każ jiġi miċħud jew jitqies bħala mhux ammissibbli.

Id-dijagrammi ta' hawn taħt jippreżentaw fil-qosor il-passi differenti segwiti fl-istadju tal-ilment u l-konnessjoni maż-żewġ passi sussegwenti, jiġifieri l-fażi tal-MAP jew ta' soluzzjoni tat-tilwim:

**Stadju tal-Ilment**




**Mekkaniżmu tal-UE għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Tassazzjoni Doppja – Stadju tal-Proċedura ta' Ftehim Reċiproku**





L-Artikoli 6 sa 7 jikkumplimentaw il-fażi inizjali tal-MAP bi proċedura awtomatika ta' arbitraġġ li tipprevedi s-soluzzjoni tat-tilwim permezz ta' arbitraġġ fi żmien ħmistax-il xahar f'każ li l-Istati Membri jonqsu milli jilħqu ftehim matul il-fażi bonarja inizjali. Sitwazzjonijiet fejn iż-żewġ Stati Membri ma jaqblux dwar l-ammissibbiltà tal-każ tal-kontribwent għall-fażi tal-MAP jistgħu jiġu sottomessi wkoll għall-arbitraġġ fi stadju aktar bikri, sabiex jiġi solvut

dan il-kunflitt dwar l-ammissibbiltà tal-każ (ċaħda potenzjali tal-aċċess), bil-kundizzjoni li l-kontribwent jitolbu u jistabbilixxi li jkun irrinunzja għar-rimedji domestiċi jew li l-perjodu ta' rikors għal dawn ir-rimedji jkun skada. Taħt din il-proċedura ta' arbitraġġ supplimentari u skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva, irid jinħatar bord ta' bejn tlieta u ħames persuni indipendenti (arbitri) (wieħed jew tnejn għal kull Stat Membru flimkien ma' president indipendenti), flimkien ma' żewġ rappreżentanti ta' kull Stat Membru. Din il-"Kummissjoni Konsultattiva" toħroġ opinjoni finali dwar l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja fil-każ ikkontestat, li tkun vinkolanti għall-Istati Membri, sakemm dawn ma jaqblux dwar soluzzjoni alternattiva għat-tneħħija tat-tassazzjoni doppja (l-Artikolu 13).


F'każijiet fejn il-Kummissjoni Konsultattiva ma tiġix stabbilita fi żmien ċertu perjodu, jinħoloq mekkaniżmu awtomatiku ta' infurzar rapidu sorveljat mill-qrati nazzjonali kompetenti ta' kull Stat Membru involut (l-Artikolu 7). Il-kontribwent ikollu l-possibbiltà li jirreferi għall-qorti nazzjonali f'dan il-każ, biex taħtar il-persuni indipendenti li mbagħad jagħżlu l-president. Il-persuni indipendenti u l-president jintgħażlu minn lista stabbilita minn qabel miżmuma mill-Kummissjoni Ewropea.

Id-dijagrammi li ġejjin jiddeskrivu l-fażi ta' soluzzjoni tat-tilwim kif ukoll il-proċess ġdid ta' soluzzjoni stabbilit f'każ ta' ċaħda tal-aċċess fi stadju bikri b'riżultat ta' Stat Membru wieħed biss li jiċħad l-aċċettazzjoni jew l-ammissibbiltà tal-ilment filwaqt li l-Istat Membru l-ieħor jaċċetta:

**Stadju tas-Soluzzjoni tat-Tilwim (Deċiżjoni dwar l-aċċettazzjoni u l-ammissibbiltà)**



**Stadju tas-Soluzzjoni tat-Tilwim (Eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja)**




Dan il-mekkaniżmu ta' infurzar u ħatra awtomatika għat-tribunal tal-arbitraġġ huwa mmudellat fuq mekkaniżmi eżistenti fl-Istati Membri tal-UE li skonthom il-qrati nazzjonali jaħtru l-arbitri meta l-partijiet li jkunu daħlu fi ftehim ta' arbitraġġ jonqsu milli jagħmlu dan. Il-qorti nazzjonali kompetenti li tintgħażel mill-Istati Membri tindirizza speċifikament il-każijiet li jikkorrispondu għan-nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt, jiġifieri ċ-ċaħda tal-aċċess fejn l-Istati Membri ma jaqblux dwar l-ammissibbiltà tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja, proċedura imblukkata u mtawla li taqbeż sentejn.

L-Artikolu 8 isegwi r-rekwiżiti maqbula fil-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ tal-Unjoni dwar l-istabbiliment ta' Kummissjoni Konsultattiva u t-termini u l-kundizzjonijiet li bihom il-lista ta' persuni indipendenti li jistgħu jkunu membri tal-Kummissjoni Konsultattiva tiġi stabbilita u miżmuma mill-Kummissjoni Ewropea. L-Artikolu 6 jipprevedi l-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jaqblu dwar forma alternattiva ta' korp għas-soluzzjoni tat-tilwim u jistabbilixxuha, li tista' ssolvi l-każ billi tuża tekniki oħra għas-soluzzjoni tat-tilwim, bħall-medjazzjoni, il-konċiljazzjoni, il-kompetenzi u kwalunkwe teknika xierqa u effettiva oħra.

L-Artikolu 10 jipprovdu qafas ta' funzjonament għall-Kummissjoni Konsultattiva, ir-Regoli ta' Funzjonament (RoF). Dawn ikopru aspetti sostanzjali bħad-deskrizzjoni tal-każ, id-definizzjoni tal-bażi legali sottostanti u l-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati mill-Kummissjoni Konsultattiva u xi aspetti loġistiċi u organizzattivi ewlenin. Dawn jinkludu l-iskeda ta' żmien, l-organizzazzjoni tal-laqgħat u s-seduti ta' smigħ, l-iskambju tad-dokumenti, il-lingwa ta' ħidma u l-amministrazzjoni tal-ispejjeż.

L-Artikolu 12 jirrifletti l-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ tal-Unjoni u jittratta r-rekwiżiti ta' informazzjoni u aspetti proċedurali tal-Kummissjoni Konsultattiva.

L-Artikoli 13 u 14 isegwu l-Konvenzjoni ta’ Arbitraġġ tal-Unjoni fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet, li jinkludu l-iskeda ta’ żmien limitata, li skontha l-Kummissjoni Konsultattiva għandha toħroġ l-opinjoni tagħha, li għandha tkun ir-referenza għad-deċiżjoni finali u vinkolanti sussegwenti tal-awtoritajiet kompetenti. L-obbligi speċifiċi tal-Istati Membri fir-rigward tal-ispejjeż huma pprovduti fl-Artikolu 11 u dawn jirriflettu d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta’ Arbitraġġ tal-Unjoni dwar dawn l-aspetti.

L-interazzjoni mal-proċedimenti ġudizzjarji domestiċi u l-appelli hija ttrattata fl-Artikolu 15 b’mod simili għall-Konvenzjoni ta’ Arbitraġġ tal-Unjoni. Huwa jinkludi dispożizzjonijiet dwar każijiet eċċezzjonali li ma għandhomx jaqgħu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-proċedura (jiġifieri il-każijiet ta’ frodi, ta' inadempjenza volontarja jew ta' negliġenza gravi huma esklużi).

Iż-żieda fit-trasparenza hija waħda mill-għanijiet tad-Direttiva proposta. L-Artikolu 16 jinkludi d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta’ Arbitraġġ tal-Unjoni f’dan ir-rigward, li jistabbilixxu li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippubblikaw id-deċiżjoni finali tal-arbitraġġ u informazzjoni aktar dettaljata, soġġett għall-qbil mill-kontribwent.

L-Artikolu 17 jiddefinixxi r-rwol tal-Kummissjoni Ewropea fil-proċedura, b’mod partikolari fir-rigward taż-żamma tal-lista ta’ persuni indipendenti skont l-Artikolu 8(4).

L-Artikolu 18 jipprevedi li l-Kummissjoni Ewropea tadotta l-arranġamenti prattiċi neċessarji għall-funzjonament xieraq tal-proċeduri introdotti b’din id-Direttiva, bl-assistenza ta’ Kumitat dwar is-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja.

L-Artikolu 19 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni Ewropea li tadotta atti legali kif definiti mill-Artikolu 20 biex taġġorna l-Annessi I u II sabiex jieħdu kont taċ-ċirkustanzi ġodda.

2016/0338 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## dwar Mekkaniżmi għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Tassazzjoni Doppja fl-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[5],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[6],

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Sitwazzjonijiet, li fihom Stati Membri differenti jintaxxaw l-istess introjtu jew kapital darbtejn jistgħu joħolqu ostakoli tat-taxxa serji għan-negozji li joperaw bejn il-fruntieri. Minbarra li joħolqu piż tat-taxxa eċċessiv għan-negozji, x'aktarx jikkawżaw distorsjonijiet u ineffiċjenzi ekonomiċi kif ukoll impatt negattiv fuq l-investiment u t-tkabbir transfruntiera.

(2) Għal din ir-raġuni, huwa neċessarju li l-mekkaniżmi disponibbli fl-Unjoni jassiguraw is-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja u l-eliminazzjoni effettiva tat-tassazzjoni doppja involuta.

(3) Il-mekkaniżmi attwalment eżistenti previsti fi trattati bilaterali dwar it-taxxa, ma jiksbux il-provvediment ta' ħelsien sħiħ mit-tassazzjoni doppja fil-ħin fil-każijiet kollha. Il-Konvenzjoni eżistenti dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni mal-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati (90/436/KEE)[7] ("il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ tal-Unjoni") għandha kamp ta' applikazzjoni limitat billi tapplika biss għat-tilwim dwar l-ipprezzar ta' trasferiment u l-attribuzzjoni tal-profitt lil stabbilimenti permanenti. L-eżerċizzju ta' monitoraġġ imwettaq bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ tal-Unjoni żvela xi nuqqasijiet importanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura u t-tul u l-konklużjoni effettiva tal-proċedura.

(4) Sabiex jinħoloq ambjent tat-taxxa aktar ġust, jeħtieġ li jittejbu r-regoli dwar it-trasparenza u li jissaħħu l-miżuri kontra l-evitar tat-taxxa. Fl-istess ħin fl-ispirtu ta' sistema ta' tassazzjoni ġusta, huwa neċessarju li jiġi assigurat li l-kontribwenti ma

5 ĠU C , , p. .
6 ĠU C , , p. .
7 ĠU L 225, 20.8.1990, p. 10.

jiġux intaxxati darbtejn fuq l-istess introjtu u li l-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim ikunu komprensivi, effettivi u sostenibbli. Huwa neċessarju wkoll it-titjib fil-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja sabiex iwieġeb għar-riskju ta' żieda fl-għadd ta' tilwim dwar it-tassazzjoni doppja jew it-tassazzjoni multipla fir-rigward ta' ammonti kbar potenzjali minħabba prattiki ta' awditjar aktar regolari u ffukati stabbiliti mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

(5) Għalhekk, -introduzzjoni ta' qafas effettiv u effiċjenti għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-taxxa, li jassigura ċ-ċertezza tad-dritt u ambjent favorevoli għan-negozju u għall-investimenti, hija azzjoni kruċjali sabiex tinkiseb sistema tat-taxxa korporattiva ġusta u effiċjenti fl-Unjoni. Il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja għandhom joħolqu wkoll qafas armonizzat u trasparenti għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet dwar it-tassazzjoni doppja u b'hekk jipprovdu benefiċċji għall-kontribwenti kollha.

(6) L-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja għandha tinkiseb permezz ta' proċedura li bħala l-ewwel pass, il-każ jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri kkonċernati bil-għan li t-tilwima tiġi solvuta permezz tal-Proċedura ta' Ftehim Reċiproku. Jekk ma jintlaħaqx ftehim f'perjodu ta' żmien speċifiku, , il-każ għandu jiġi ppreżentat lil Kummissjoni Konsultattiva jew lil Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim, magħmula kemm minn rappreżentanti tal-awtoritajiet tat-taxxa kkonċernati kif ukoll minn persuni indipendenti ta' reputazzjoni. L-awtoritajiet tat-taxxa għandhom jieħdu deċiżjoni vinkolanti finali b'referenza għall-opinjoni tal-Kummissjoni Konsultattiva jew tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim.

(7) Il-mekkaniżmu mtejjeb għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja għandu jibni fuq is-sistemi eżistenti fl-Unjoni, inkluża l-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ tal-Unjoni. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandu jkun aktar wiesa' minn dak tal-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ tal-Unjoni, li hija limitata biss għat-tilwim dwar l-ipprezzar ta' trasferiment u l-attribuzzjoni tal-profitti lil stabbilimenti permanenti. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-kontribwenti kollha li huma soġġetti għat-taxxi fuq l-introjtu minn profitti tan-negozju fir-rigward tat-tranżazzjonijiet transfruntiera tagħhom fl-Unjoni. Barra minn hekk, għandha tissaħħaħ il-fażi tal-arbitraġġ. B'mod partikolari, huwa neċessarju li jiġi pprovdut limitu ta' żmien għat-tul tal-proċeduri sabiex jissolva t-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja u li jiġu stabbiliti t-termini u l-kundizzjonijiet tal-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim għall-kontribwenti.

(8) Sabiex jiġu żgurati l-istess kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8].

(9) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura r-rispett totali għad-dritt ta' proċess ġust u għal-libertà ta' intrapriża.

---

[8] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(10) Peress li l-għan ta' din id-Direttiva li jistabbilixxi proċedura effettiva u effiċjenti għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja fil-kuntest tal-funzjonament xieraq tas-suq intern ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(11) Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva wara perjodu ta' ħames snin u l-Istati Membri għandhom jipprovdu input xieraq lill-Kummissjoni biex jappoġġaw din ir-reviżjoni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

*Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar il-mekkaniżmi sabiex jiġi solvut tilwim bejn l-Istati Membri dwar kif għandha tiġi eliminata t-tassazzjoni doppja fuq l-introjtu min-negozju u d-drittijiet tal-kontribwenti f'dan il-kuntest.

Din id-Direttiva tapplika għall-kontribwenti kollha li huma soġġetti għal waħda mit-taxxi fuq l-introjtu min-negozju elenkati fl-Anness I, inklużi stabbilimenti permanenti li jinsabu fi Stat Membru wieħed jew aktar li l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikun jew fi Stat Membru jew f'ġurisdizzjoni barra mill-Unjoni.

Din id-Direttiva ma tapplika għall-ebda introjtu jew kapital fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni mit-taxxa jew li għalihom tapplika r-rata tat-taxxa żero skont ir-regoli nazzjonali.

Din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tad-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet internazzjonali meta dan ikun meħtieġ għall-prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa, tal-frodi tat-taxxa jew tal-abbuż.

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità ta' Stat Membru li tkun inħatret bħala tali mill-Istat Membru kkonċernat;

2. "qorti kompetenti" tfisser il-qorti ta' Stat Membru li tkun inħatret mill-Istat Membru kkonċernat;

3. "tassazzjoni doppja" tfisser l-impożizzjoni tat-taxxi elenkati fl-Anness I ta' din id-Direttiva minn żewġ ġurisdizzjonijiet tat-taxxa (jew aktar) fir-rigward tal-istess introjtu jew kapital taxxabbli mill-awtoritajiet nazzjonali jew ġudizzjarji tagħhom meta din twassal jew għal (i) taxxa addizzjonali, (ii) żieda fl-obbligazzjonijiet tat-taxxa jew (iii) kanċellazzjoni jew tnaqqis tat-telf, li seta' jintuża biex jiġi paċut il-profitt taxxabbli;

4. “kontribwent” tfisser kull persuna jew stabbiliment permanenti soġġetta għat-taxxi fuq l-introjtu elenkati fl-Anness I ta’ din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

*Ilment*

1. Kull kontribwent soġġett għal tassazzjoni doppja għandu jkollu d-dritt li jissottometti lment li fih jitlob is-soluzzjoni tat-tassazzjoni doppja lil kull waħda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati fi żmien tliet snin minn meta jirċievi l-ewwel notifika tal-azzjoni li tirriżulta f’tassazzjoni doppja, irrispettivament minn jekk jużax ir-rimedji disponibbli fil-liġi nazzjonali ta’ kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri kkonċernati. Il-kontribwent għandu jindika fl-ilment tiegħu lil kull awtorità kompetenti rispettiva l-Istati Membri l-oħra li jkunu kkonċernati.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw ir-riċevuta tal-ilment fi żmien xahar minn meta jirċievu l-ilment. Huma għandhom jinfurmaw ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati dwar ir-riċevuta tal-ilment.

3. L-ilment ikun ammissibbli jekk il-kontribwent jipprovdi l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti ta’ kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati.

   (a) l-isem, l-indirizz, in-numru ta’ identifikazzjoni tat-taxxa u informazzjoni oħra neċessarja għall-identifikazzjoni tal-kontribwent(i) li jkun(u) ippreżenta(w) l-ilment lill-awtoritajiet kompetenti u ta’ kwalunkwe kontribwent ieħor direttament affettwat;

   (b) il-perjodi tat-taxxa kkonċernati;

   (c) id-dettalji tal-fatti u ċ-ċirkustanzi rilevanti tal-każ (inklużi d-dettalji tal-istruttura tat-tranżazzjoni u tar-relazzjonijiet bejn il-kontribwent u l-partijiet l-oħra fit-tranżazzjonijiet rilevanti) u b’mod aktar ġenerali, in-natura u d-data tal-azzjonijiet li jwasslu għat-tassazzjoni doppja kif ukoll l-ammonti relatati fil-muniti tal-Istati Membri kkonċernati, b’kopja ta’ kull dokument ta’ sostenn;

   (d) ir-regoli nazzjonali u t-trattati kontra t-tassazzjoni doppja applikabbli;

   (e) l-informazzjoni li ġejja pprovduta mill-kontribwent li jkun ippreżenta l-ilment lill-awtoritajiet kompetenti, b’kopja ta’ kull dokument ta’ sostenn;

      (i) spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex il-kontribwent iqis li jkun hemm tassazzjoni doppja;

      (ii) id-dettalji ta’ kwalunkwe appell u litigazzjoni mibdija mill-kontribwenti rigward it-tranżazzjonijiet rilevanti u ta’ kwalunkwe deċiżjoni tal-qorti fir-rigward tal-każ;

      (iii) impenn mill-kontribwent li jwieġeb bl-aktar mod sħiħ u malajr possibbli għat-talbiet xierqa kollha li jsiru minn awtorità kompetenti u li jipprovdi kwalunkwe dokumentazzjoni meta jintalab mill-awtoritajiet kompetenti;

      (iv) kopja tal-avviżi ta’ valutazzjoni tat-taxxa, rapport ta’ verifika tat-taxxa jew ekwivalenti li jwasslu għall-allegata tassazzjoni doppja u ta’ kwalunkwe dokument ieħor maħruġ mill-awtoritajiet tat-taxxa fir-rigward tat-tassazzjoni doppja kkontestata.

(f) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali speċifika mitluba mill-awtoritajiet kompetenti.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu jitolbu l-informazzjoni msemmija fil-punt (f) tal-paragrafu 3 fi żmien xahrejn minn meta jirċievu l-ilment.

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu deċiżjoni dwar l-aċċettazzjoni u l-ammissibbiltà tal-ilment ta' kontribwent fi żmien sitt xhur minn meta jirċevuh. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-kontribwent u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra bid-deċiżjoni tagħhom.

*Artikolu 4*

*Deċiżjoni li taċċetta lment – Proċedura ta' Rikonoxximent Reċiproku*

1. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jiddeċiedu li jaċċettaw l-ilment skont l-Artikolu 3(5), huma għandhom jagħmlu ħilithom biex jeliminaw it-tassazzjoni doppja permezz ta' proċedura ta' rikonoxximent reċiproku fi żmien sentejn, li jibdew mill-aħħar notifika tad-deċiżjoni ta' wieħed mill-Istati Membri dwar l-aċċettazzjoni tal-ilment.

   Il-perjodu ta' sentejn imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi estiż b'massimu ta' sitt xhur fuq talba tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru kkonċernat, jekk l-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba tipprovdi ġustifikazzjoni bil-miktub. Dik l-estensjoni għandha tkun soġġetta għall-aċċettazzjoni mill-kontribwenti u l-awtoritajiet kompetenti l-oħra.

2. It-tassazzjoni doppja għandha titqies bħala eliminata fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

   (a) l-introjtu soġġett għat-tassazzjoni doppja jkun inkluż fil-komputazzjoni tal-introjtu taxxabbli fi Stat Membru wieħed biss;

   (b) it-taxxa debitabbli fuq dan l-introjtu fi Stat Membru partikolari titnaqqas b'ammont ugwali għat-taxxa debitabbli fuqu fi kwalunkwe Stat Membru ieħor ikkonċernat.

3. Ladarba l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu laħqu ftehim biex jeliminaw it-tassazzjoni doppja fi ħdan il-perjodu previst fil-paragrafu 1, kull awtorità kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandha tittrażmetti dan il-ftehim lill-kontribwent bħala deċiżjoni li tkun vinkolanti fuq l-awtorità u infurzabbli mill-kontribwent, bil-kundizzjoni li l-kontribwent jirrinunzja d-dritt għal kwalunkwe rimedju domestiku. Dik id-deċiżjoni għandha tiġi implimentata irrispettivament minn kwalunkwe limitu ta' żmien preskritt mil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati.

4. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati ma jkunux laħqu ftehim biex jeliminaw it-tassazzjoni doppja fi ħdan il-perjodu previst fil-paragrafu 1, kull awtorità kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandha tinforma lill-kontribwenti fejn tindika r-raġunijiet għaliex ma ntlaħaqx ftehim.

*Artikolu 5*

*Deċiżjoni li tiċħad l-ilment*

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu jiddeċiedu li jiċħdu l-ilment meta l-ilment ma jkunx ammissibbli jew ma jkun hemm l-ebda tassazzjoni doppja jew ma jiġix irrispettat il-perjodu ta' tliet snin stabbilit fl-Artikolu 3(1).

2. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati ma jkunux ħadu deċiżjoni dwar l-ilment fi żmien sitt xhur wara li jirċievu lment minn kontribwent, l-ilment għandu jitqies daqslikieku ġie miċħud.

3. F'każ ta' ċaħda tal-ilment, il-kontribwent għandu jkollu d-dritt li jappella kontra d-deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati skont ir-regoli nazzjonali.

*Artikolu 6*

*Soluzzjoni tat-tilwim minn Kummissjoni Konsultattiva*

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu Kummissjoni Konsultattiva skont l-Artikolu 8 jekk l-ilment jiġi miċħud skont l-Artikolu 5(1) minn awtorità kompetenti waħda biss tal-Istati Membri kkonċernati.

2. Il-Kummissjoni Konsultattiva għandha tadotta deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-aċċettazzjoni tal-ilment fi żmien sitt xhur mid-data ta' notifika tal-aħħar deċiżjoni li tiċħad l-ilment skont l-Artikolu 5(1) mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati. B'inadempjenza ta' kwalunkwe deċiżjoni notifikata fil-perjodu ta' sitt xhur, l-ilment jitqies li ġie miċħud.

   Fejn il-Kummissjoni Konsultattiva tikkonferma l-eżistenza tat-tassazzjoni doppja u l-ammissibbiltà tal-ilment, il-proċedura ta' ftehim reċiproku prevista fl-Artikolu 4 għandha tinbeda fuq talba ta' waħda mill-awtoritajiet kompetenti. L-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tinnotifika dik it-talba lill-Kummissjoni Konsultattiva, lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kkonċernati u lill-kontribwenti. Il-perjodu ta' sentejn previst fl-Artikolu 4(1) għandu jibda mid-data tad-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni Konsultattiva dwar l-aċċettazzjoni u l-ammissibbiltà tal-ilment.

   Fejn l-ebda waħda mill-awtoritajiet kompetenti ma titlob li tinbeda l-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku fi żmien tletin jum kalendarju, il-Kummissjoni Konsultattiva għandha tipprovdi opinjoni dwar l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja kif previst fl-Artikolu 13(1).

3. Il-Kummissjoni Konsultattiva għandha tiġi stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati meta dawn ma jkunux laħqu ftehim biex jeliminaw it-tassazzjoni doppja bil-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku fil-limitu ta' żmien previst fl-Artikolu 4(1).

   Il-Kummissjoni Konsultattiva għandha tiġi stabbilita skont l-Artikolu 8 u għandha tagħti opinjoni dwar l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja skont l-Artikolu 13(1).

4. Il-Kummissjoni Konsultattiva għandha tiġi stabbilita sa mhux aktar tard minn ħamsin jum kalendarju wara tmiem il-perjodu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 3(5), jekk il-Kummissjoni Konsultattiva tiġi stabbilita skont il-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni Konsultattiva għandha tiġi stabbilita sa mhux aktar tard minn ħamsin jum kalendarju wara tmiem il-perjodu previst fl-Artikolu 4(1) jekk il-Kummissjoni Konsultattiva tiġi stabbilita skont il-paragrafu 2.

*Artikolu 7*

*Ħatriet mill-qrati nazzjonali*

1. Jekk il-Kummissjoni Konsultattiva ma tiġix stabbilita sal-perjodu previst fl-Artikolu 6(4), l-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-kontribwenti jistgħu jirreferu għal qorti nazzjonali kompetenti.

   Jekk l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tkun naqset milli taħtar mill-inqas persuna indipendenti waħda ta' reputazzjoni u s-sostitut tagħha, il-kontribwent jista' jitlob lill-qorti kompetenti f'dak l-Istat Membru biex taħtar persuna indipendenti u s-sostitut tagħha mil-lista msemmija fl-Artikolu 8(4).

   Jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha jkunu naqsu milli jagħmlu dan, il-kontribwent jista' jitlob lill-qrati kompetenti ta' kull Stat Membru biex jaħtru ż-żewġ persuni indipendenti ta' reputazzjoni skont it-tieni u t-tielet subparagrafi. Il-persuni indipendenti ta' reputazzjoni maħtura b'dan il-mod għandhom jaħtru l-president billi jtellgħuh bix-xorti mil-lista ta' persuni indipendenti li jikkwalifikaw bħala president skont l-Artikolu 8(4).

   Il-kontribwenti għandhom jissottomettu r-rinviju tagħhom biex jaħtru l-persuni indipendenti ta' reputazzjoni u s-sostituti tagħhom lil kull wieħed mill-istati ta' residenza jew ta' stabbiliment rispettivi tagħhom, jekk ikunu involuti żewġ kontribwenti, jew lill-Istati Membri li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu naqsu milli jaħtru mill-inqas persuna indipendenti waħda ta' reputazzjoni u s-sostitut tagħha, jekk ikun involut kontribwent wieħed biss.

2. Il-ħatra tal-persuni indipendenti u tas-sostituti tagħhom skont il-paragrafu 1 għandha tiġi riferuta lil qorti kompetenti ta' Stat Membru biss wara t-tmiem tal-perjodu ta' ħamsin jum imsemmi fl-Artikolu 6(4) u fi żmien ġimagħtejn wara t-tmiem ta' dak il-perjodu.

3. Il-qorti kompetenti għandha tadotta deċiżjoni skont il-paragrafu 1 u tinnotifikaha lill-applikant. Il-proċedura applikabbli għall-qorti kompetenti biex taħtar il-persuni indipendenti meta l-Istati Membri jonqsu milli jaħtruhom għandha tkun l-istess bħal dik applikabbli skont ir-regoli nazzjonali fi kwistjonijiet ta' arbitraġġ ċivili u kummerċjali meta l-qrati jaħtru l-arbitri f'każijiet fejn il-partijiet jonqsu milli jaqblu f'dan ir-rigward. Il-qorti kompetenti għandha tinforma wkoll lill-awtoritajiet kompetenti li inizjalment ma jkunx inrexxielhom jistabbilixxu l-Kummissjoni Konsultattiva. Dan l-Istat Membru għandu jkollu d-dritt li jappella deċiżjoni tal-qorti, bil-kundizzjoni li jkollu d-dritt li jagħmel dan skont il-liġi nazzjonali tiegħu. F'każ ta' ċaħda, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jappella kontra d-deċiżjoni tal-qorti skont ir-regoli proċedurali nazzjonali.

*Artikolu 8*

*Il-Kummissjoni Konsultattiva*

1. Il-Kummissjoni Konsultattiva msemmija fl-Artikolu 6 għandha tkun magħmula kif ġej:

   (a) president wieħed;

   (b) żewġ rappreżentanti ta' kull awtorità kompetenti kkonċernata;

   (c) persuna jew żewġ persuni indipendenti ta' reputazzjoni li għandhom jinħatru minn kull awtorità kompetenti mil-lista ta' persuni msemmija fil-paragrafu 4.

   In-numru tar-rappreżentanti msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu jista' jitnaqqas għal wieħed bi ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti.

   Il-persuni msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu għandhom jinħatru minn kull awtorità kompetenti mil-lista ta' persuni msemmija fil-paragrafu 4.

2. Wara l-ħatra tal-persuni indipendenti ta' reputazzjoni għandu jinħatar sostitut għal kull wieħed minnhom skont ir-regoli għall-ħatra tal-persuni indipendenti f'każ li l-persuni indipendenti jitwaqqfu milli jwettqu dmirijiethom.

3. Meta ssir għażla bix-xorti, kull waħda mill-awtoritajiet kompetenti tista' toġġezzjona għall-ħatra ta' kwalunkwe persuna indipendenti ta' reputazzjoni partikolari fi kwalunkwe ċirkustanza maqbula minn qabel bejn l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jew f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

   (a) meta dik il-persuna tkun tagħmel parti minn waħda mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa kkonċernati jew tkun qiegħda taħdem f'isimha;

   (b) meta dik il-persuna jkollha jew ikun kellha parteċipazzjoni importanti f'wieħed jew f'kull wieħed mill-kontribwenti, jew tkun jew kienet impjegata jew konsulenta ta' wieħed jew ta' kull wieħed mill-kontribwenti;

   (c) meta dik il-persuna ma toffrix garanzija suffiċjenti ta' oġġettività għas-soluzzjoni tat-tilwima jew tat-tilwim li jkun irid jiġi deċiż.

4. Il-lista tal-persuni indipendenti ta' reputazzjoni għandha tikkonsisti mill-persuni indipendenti kollha nominati mill-Istati Membri. Għal dan il-għan, kull Stat Membru għandu jinnomina ħames persuni.

   Il-persuni indipendenti ta' reputazzjoni jridu jkunu ċittadini ta' Stat Membru u residenti fi ħdan l-Unjoni. Huma jridu jkunu kompetenti u indipendenti.

   L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-ismijiet tal-persuni indipendenti ta' reputazzjoni li jkunu nnominaw. Fin-notifika l-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw liema mill-ħames persuni li jkunu innominaw jista' jinħatar bħala president. Huma għandhom jipprovdu wkoll lill-Kummissjoni b'informazzjoni sħiħa u aġġornata dwar l-isfond professjonali u akkademiku, il-kompetenza, l-għarfien espert u l-kunflitti ta' interess tagħhom. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdil fil-lista tal-persuni indipendenti.

5. Ir-rappreżentanti ta' kull awtorità kompetenti u l-persuni indipendenti ta' reputazzjoni maħtura skont il-paragrafu 1 għandhom jeleġġu president mil-lista tal-persuni msemmija fil-paragrafu 4.

*Artikolu 9*

*Il-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim*

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu jaqblu li jistabbilixxu Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim minflok il-Kummissjoni Konsultattiva biex tagħti opinjoni dwar l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja skont l-Artikolu 13.

2. Il-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim tista' tkun differenti fir-rigward tal-kompożizzjoni u tal-forma tagħha mill-Kummissjoni Konsultattiva u tapplika konċiljazzjoni, medjazzjoni, għarfien espert, aġġudikazzjoni jew kwalunkwe proċess jew metodu ieħor ta' soluzzjoni tat-tilwim biex issolvi t-tilwima.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jaqblu dwar ir-Regoli ta' Funzjonament skont l-Artikolu 10.

4. L-Artikoli 11 sa 15 għandhom japplikaw għall-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim, ħlief ir-regoli dwar il-maġġoranza stabbiliti fl-Artikolu 13(3). L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jistgħu jaqblu dwar regoli differenti dwar il-maġġoranza fir-Regoli ta' Funzjonament tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim.

*Artikolu 10*

*Regoli ta' Funzjonament*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li fi żmien il-perjodu ta' ħamsin jum kalendarju kif previst fl-Artikolu 6(4), kull awtorità kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati tinnotifika lill-kontribwenti dwar dan li ġej:

   (a) ir-Regoli ta' Funzjonament għall-Kummissjoni Konsultattiva jew għall-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim;

   (b) data li fiha tkun se tiġi adottata l-opinjoni dwar l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja;

   (c) referenza għal kwalunkwe dispożizzjoni legali applikabbli fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri u kwalunkwe konvenzjoni applikabbli kontra t-tassazzjoni doppja.

   Id-data msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi stabbilita mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-twaqqif tal-Kummissjoni Konsultattiva jew tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim.

2. Ir-Regoli ta' Funzjonament għandhom jiġu ffirmati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri involuti fit-tilwima.

   Ir-Regoli ta' Funzjonament għandhom jipprovdu b'mod partikolari:

   (a) id-deskrizzjoni u l-karatteristiċi tal-każ ta' tassazzjoni doppja kkontestat;

   (b) it-termini ta' referenza li fuqhom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jaqblu dwar il-kwistjonijiet li għandhom jiġu solvuti;

   (c) il-forma, jew Kummissjoni Konsultattiva jew Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim;

(d) il-qafas ta' żmien għall-proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim;

(e) il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Konsultattiva jew tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim;

(f) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-kontribwenti u ta' partijiet terzi, l-iskambji ta' memoranda, l-informazzjoni u l-evidenza, l-ispejjeż, it-tip ta' proċess ta' soluzzjoni u kwalunkwe aspett proċedurali jew organizzattiv rilevanti ieħor.

Jekk il-Kummissjoni Konsultattiva tiġi stabbilita biex tagħti opinjoni dwar iċ-ċaħda kkontestata jew l-ammissibbiltà tal-ilment kif previst fl-Artikolu 6(1), fir-Regoli ta' Funzjonament għandha tiġi stabbilita biss l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (d), (e) u (f) tat-tieni subparagrafu.

3. Fin-nuqqas jew l-inkompletezza tan-notifika tar-Regoli ta' Funzjonament lill-kontribwenti, l-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-persuni indipendenti u l-president għandhom ilestu r-Regoli ta' Funzjonament skont l-Anness II u jibagħtuhom lill-kontribwent fi żmien ġimagħtejn mid-data ta' skadenza tal-ħamsin jum kalendarju prevista fl-Artikolu 6(4). Meta l-persuni indipendenti u l-president ma jaqblux dwar ir-Regoli ta' Funzjonament jew ma jinnotifikawhomx lill-kontribwenti, il-kontribwenti jistgħu jirreferu għall-qorti kompetenti tal-istat ta' residenza jew ta' stabbiliment tagħhom sabiex jisiltu l-konsegwenzi legali kollha u jimplimentaw ir-Regoli ta' Funzjonament.

*Artikolu 11*

*Spiża tal-proċedura*

L-ispejjeż tal-proċedura tal-Kummissjoni Konsultattiva jew tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim, għajr dawk imġarrba mill-kontribwenti, għandhom jinqasmu b'mod indaqs bejn l-Istati Membri.

*Artikolu 12*

*Informazzjoni, Evidenza u Smigħ*

1. Għall-finijiet tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 6, il-kontribwenti ikkonċernati jistgħu jipprovdu lill-Kummissjoni Konsulattiva jew lill-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim kwalunkwe informazzjoni, evidenza jew dokumenti li jistgħu jkunu rilevanti għad-deċiżjoni. Il-kontribwenti u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni, evidenza jew dokumenti meta jintalbu mill-Kummissjoni Konsultattiva jew mill-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru jistgħu jirrifjutaw li jagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni Konsultattiva fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) il-kisba tal-informazzjoni tkun teħtieġ it-twettiq ta' miżuri amministrattivi li jmorru kontra l-liġi nazzjonali

(b) l-informazzjoni ma tkunx tista' tinkiseb skont il-liġi nazzjonali tiegħu;

(c) l-informazzjoni tkun tirrigwarda sigriet kummerċjali, tan-negozju, industrijali jew professjonali jew proċess kummerċjali;

(d) id-divulgazzjoni tal-informazzjoni tmur kontra l-ordni pubbliku.

2. Kull wieħed mill-kontribwenti jista', fuq talba tiegħu, jidher jew ikun rappreżentat quddiem il-Kummissjoni Konsultattiva jew il-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim. Fuq talba mill-Kummissjoni Konsultattiva jew mill-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim, kull wieħed mill-kontribwenti għandu jidher jew ikun rappreżentat quddiemha.

3. Fil-kapaċità tagħhom bħala membri tal-Kummissjoni Konsultattiva jew tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim, il-persuni indipendenti ta' reputazzjoni jew kwalunkwe membru ieħor għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet xierqa sabiex jissanzjonaw kwalunkwe ksur tal-obbligi tas-segretezza.

*Artikolu 13*

*L-Opinjoni tal-Kummissjoni Konsultattiva jew tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim*

1. Il-Kummissjoni Konsultattiva jew il-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim għandha tagħti l-opinjoni tagħha lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data li fiha tkun ġiet stabbilita.

2. Meta jkunu qegħdin ifasslu l-opinjoni tagħhom, il-Kummissjoni Konsultattiva jew il-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim għandhom jikkunsidraw ir-regoli nazzjonali u t-trattati kontra t-tassazzjoni doppja applikabbli. Fin-nuqqas ta' trattat kontra t-tassazzjoni doppja jew ftehim bejn l-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni Konsultattiva jew il-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim, meta jkunu qegħdin ifasslu l-opinjoni tagħhom, jistgħu jirreferu għall-prattika internazzjonali fi kwistjonijiet tat-taxxa bħall-aħħar Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa tal-OECD.

3. Il-Kummissjoni Konsultattiva jew il-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim għandhom jadottaw l-opinjoni tagħhom b'maġġoranza sempliċi tal-membri tagħhom. Meta ma tkunx tista' tintlaħaq maġġoranza, il-vot tal-president għandu jiddetermina l-opinjoni finali. Il-president għandu jikkomunika l-opinjoni tal-Kummissjoni Konsultattiva jew tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim lill-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 14*

*Deċiżjoni Finali*

1. Fi żmien sitt xhur min-notifika tal-opinjoni tal-Kummissjoni Konsultattiva jew tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaqblu dwar l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu deċiżjoni, li tiddevja mill-opinjoni tal-Kummissjoni Konsultattiva jew tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim. Jekk ma jilħqux qbil sabiex jeliminaw it-tassazzjoni doppja, huma għandhom ikunu marbuta b'dik l-opinjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li d-deċiżjoni finali li telimina t-tassazzjoni doppja tiġi trażmessa minn kull awtorità kompetenti lill-kontribwenti fi żmien tletin jum kalendarju mill-adozzjoni tagħha. Meta ma jiġix innotifikat bid-deċiżjoni fi żmien il-perjodu ta' tletin jum kalendarju, il-kontribwent jista' jappella fl-Istat Membru ta' residenza jew ta' stabbiliment tiegħu skont ir-regoli nazzjonali.

4. Id-deċiżjoni finali għandha tkun vinkolanti fuq l-awtorità u infurzabbli mill-kontribwent, bil-kundizzjoni li l-kontribwent jirrinunzja għad-dritt ta' kwalunkwe rimedju domestiku. Hija għandha tiġi implimentata skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri li b'riżultat tad-deċiżjoni finali jkollhom jemendaw it-tassazzjoni inizjali tagħhom, irrispettivament minn kwalunkwe limitu ta' żmien preskritt mil-liġi nazzjonali. Fejn id-deċiżjoni finali ma tkunx ġiet implimentata, il-kontribwenti jistgħu jirreferu għall-qorti nazzjonali tal-Istat Membru, li jkun naqas milli jimplimentaha.

*Artikolu 15*

*Interazzjoni ma' proċedimenti u derogi nazzjonali*

1. Il-fatt li deċiżjoni li tikkawża tassazzjoni doppja, meħuda minn Stat Membru ssir finali skont il-liġi nazzjonali, ma għandux iwaqqaf lill-kontribwenti milli jirrikorru għall-proċeduri previsti f'din id-Direttiva.

2. Is-sottomissjoni tat-tilwima għall-proċedura ta' ftehim reċiproku jew għall-proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim ma għandhiex twaqqaf Stat Membru milli jibda jew ikompli proċedimenti ġudizzjarji jew proċedimenti għal penali amministrattivi u kriminali fir-rigward tal-istess kwistjonijiet.

3. Il-kontribwenti jistgħu jirrikorru għar-rimedji disponibbli għalihom skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati. Madankollu, fejn il-każ ikun ġie sottomess quddiem qorti jew tribunal, id-dati li ġejjin għandhom jiżdiedu mad-data li fiha tkun ingħatat is-sentenza tal-qorti finali:

   (a) is-sitt xhur imsemmija fl-Artikolu 3(5);

   (b) is-sentejn imsemmija fl-Artikolu 4(1);

4. Fejn il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru ma tippermettix li deċiżjoni għas-soluzzjoni tat-tilwim tidderoga mid-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet ġudizzjarji tiegħu, il-proċedura skont l-Artikoli 6(1) u 6(2) ma għandhiex tkun disponibbli għall-kontribwent jekk ma jkunux bdew il-proċedimenti ġudizzjarji li jikkonċernaw it-tassazzjoni doppja. Madankollu, jekk il-kontribwent ikun beda dawn il-proċediment ġudizzjarji, il-proċedura xorta waħda tibqa' disponibbli jekk ma tkun ittieħdet l-ebda deċiżjoni finali u l-kontribwent jirtira l-azzjoni tiegħu dwar it-tassazzjoni doppja.

5. Is-sottomissjoni tal-każ għall-proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 6 għandha ttemm kwalunkwe proċedura oħra ta' ftehim reċiproku jew ta' soluzzjoni tat-tilwim li tkun għaddejja dwar l-istess tilwima f'każ li jkunu kkonċernati l-istess Stati Membri, b'effett fid-data tal-ħatra tal-Kummissjoni Konsultattiva jew tal-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim.

6. B’deroga mill-Artikolu 6, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jiċħdu l-aċċess għall-proċedura ta’ soluzzjoni tat-tilwim f’każijiet ta’ frodi tat-taxxa, inadempjenza volontarja jew negliġenza gravi.

*Artikolu 16*

*Pubblikità*

1. Il-Kummissjoni Konsultattiva u l-Kummissjoni għas-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim għandhom joħorġu l-opinjoni tagħhom bil-miktub.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw id-deċiżjoni finali msemmija fl-Artikolu 14 soġġett għall-kunsens ta’ kull wieħed mill-kontribwenti kkonċernati.

3. Meta kontribwent ma jagħtix il-kunsens tiegħu għall-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni finali fl-intier tagħha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw astratt tad-deċiżjoni finali b’deskrizzjoni tal-kwistjoni u s-suġġett, id-data, il-perjodi tat-taxxa involuti, il-bażi legali, is-settur tal-industrija u deskrizzjoni fil-qosor tal-eżitu finali.

   Qabel ma tiġi ppubblikata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibagħtu lill-kontribwenti l-informazzjoni li trid tiġi ppubblikata skont l-ewwel subparagrafu. Fuq talba ta' kontribwent, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jippubblikaw informazzjoni li tirrigwarda kwalunkwe sigriet kummerċjali, tan-negozju, industrijali jew professjonali jew proċess kummerċjali, jew li tmur kontra l-ordni pubbliku.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi formoli standard għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 18(2).

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni l-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata skont il-paragrafu 3.

*Artikolu 17*

*Rwol tal-Kummissjoni u appoġġ Amministrattiv*

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli onlajn u żżomm aġġornata l-lista tal-persuni indipendenti ta’ reputazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(4), u tindika liema minn dawk il-persuni jistgħu jinħatru bħala president. Dik il-lista għandha tinkludi biss l-ismijiet ta’ dawk il-persuni.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li jkunu ħadu sabiex jissanzjonaw kwalunkwe ksur tal-obbligu tas-segretezza previst fl-Artikolu 12. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra dwarhom.

3. Il-Kummissjoni għandha żżomm repożitorju ċentrali li fih tiġi arkivjata u magħmula disponibbli onlajn l-informazzjoni li tiġi ppubblikata skont l-Artikoli 16(2) u (3).

*Artikolu 18*

*Proċedura ta' kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 19*

*Lista tat-taxxi u r-Regoli ta' Funzjonament*

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20 fir-rigward tal-aġġornament tal-listi tat-taxxi skont l-Anness I u r-Regoli ta' Funzjonament skont l-Anness II biex temendahom sabiex jirriflettu ċ-ċirkustanzi ġodda.

*Artikolu 20*

*Eżerċizzju ta' setgħat delegati*

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 19 għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data msemmija fl-Artikolu 22.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 19 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni ta' dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 21*

*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva

sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017. Huma għandhom jikkomunikaw mingħajr dewmien it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 22*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 23*

*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwati

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar it-titjib tal-Mekkaniżmi għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Tassazzjoni Doppja (DTRMs) fl-Unjoni Ewropea

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat/i fl-istruttura ABM/ABB[9]

14

14.03

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[10]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija marbuta mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Għan(ijiet)

*1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2015 jelenka fost il-prijoritajiet tiegħu dik ta' Approċċ Aktar Ġust lejn it-Tassazzjoni. B'segwitu għal dan, qasam wieħed relatat għal azzjoni fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2016 huwa t-titjib tal-Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Tassazzjoni Doppja.

*1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/ċi u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernati*

Għan speċifiku Nru

Li tittejjeb l-effettività u l-effiċjenza tas-sistema DTDRM fis-Suq Intern, bil-għan li tiġi assigurata s-soluzzjoni effettiva tat-tilwim dwar it-tassazzjoni doppja (ara l-Valutazzjoni tal-Impatt ippreparata mis-Servizzi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-proposta).

Attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

ABB 3

[9] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[10] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt(i) mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Mekkaniżmu effettiv għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Tassazzjoni Doppja b'mod ġenerali jtejjeb l-ambjent tan-negozju fl-UE; jagħti spinta lill-investiment, it-tkabbir u l-impjiegi. Fil-fatt, huwa jassigura aktar ċertezza u prevedibbiltà għan-negozji u l-kumpaniji u għalhekk jipprovdi bażi aktar stabbli u ċerta għall-kummerċ u għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' investiment.

Maż-żmien, id-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri jiżdied b'riżultat ta' żieda fl-attività ekonomika u l-ġbir tat-taxxi. L-eliminazzjoni attwali tat-tassazzjoni doppja permezz ta' soluzzjoni effettiva għat-tilwim iżżid ukoll il-livell ta' konformità tal-Istati Membri mal-obbligi internazzjonali tagħhom u tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi tagħhom.

Tissaħħaħ il-fiduċja tal-pubbliku, taċ-ċittadini u tal-kontribwenti b'mod ġenerali lejn is-sens ta' ġustizzja u l-affidabbiltà tas-sistemi tat-taxxa.

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

L-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni huma spjegati fid-dettall fil-Valutazzjoni tal-Impatt (taqsima 7).

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Biex jiġu protetti l-kumpaniji fi tranżazzjonijiet transfruntiera kontra l-konsegwenzi negattivi ta' tassazzjoni doppja jew multipla mhux solvuta.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Biex tkun żgurata l-konsistenza u biex jiġu evitati d-diskrepanzi permezz ta' regoli u proċeduri komuni fl-Istati Membri kollha. Nuqqas ta' konsistenza u lakuni fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri jipperikolaw is-suċċess tal-proġett kollu.

Il-valur miżjud tal-UE huwa bbażat fuq il-fatt li hija meħtieġa implimentazzjoni uniformi u kkoordinata sabiex is-soluzzjoni tat-tilwim tiġi mtejba b'mod effettiv. Huwa neċessarju wkoll li dawn jiġu indirizzati b'mod konsistenti fil-kuntest preżenti tal-ġlieda globali kontra l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa. Il-qafas tal-Ipprezzar ta' Trasferiment tal-UE se jittejjeb f'termini ta' effiċjenza u infurzar meta jiġi kombinat mas-soluzzjoni proposta.

*1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Fl-1976, il-Kunsill kien diġà ssottometta proposta dwar l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja in konnessjoni mal-aġġustament tal-qligħ bejn intrapriżi assoċjati (proċedura ta' arbitraġġ). Dan wassal għall-iffirmar fl-1990 tal-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni mal-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati (90/436/KEE).

*1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-proposta hija parti minn pakkett li jinkludi diversi inizjattivi. Effetti pożittivi ta' sinerġija jistgħu jinkisbu mill-interazzjoni bejn il-miżuri fil-pakkett u bil-proposti li

jidhru fil-Pakkett dwar it-Trasparenza ta' Marzu 2015 u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Ġunju 2015.

**1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju**

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,

– u wara tħaddim fuq skala sħiħa.

**1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)**[11]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ il-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi rregolati bil-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| Il-proposta hija ta' natura leġiżlattiva. Xi kompiti ta' ġestjoni u implimentazzjoni tal-baġit għall-Kummissjoni jirrigwardaw il-kompiti ta' amministrazzjoni li ġejjin:<br>- L-amministrazzjoni, l-istabbiliment u ż-żamma tal-lista ta' persuni indipendenti maħtura mill-Istati Membri<br>- Il-kompiti amministrattivi relatati mal-aspetti tat-trasparenza tal-proposta u biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri<br>- L-attivitajiet ta' monitoraġġ |

[11] Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_mt.html

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

| |
|---|
| Xejn |

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

*2.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

| |
|---|
| Xejn |

*2.2.2. Tagħrif dwar l-istabbiliment tas-sistema ta' kontroll intern*

| |
|---|
| Xejn |

*2.2.3. Stima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball*

| |
|---|
| Mhux Applikabbli |

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.*

| |
|---|
| Mhux Applikabbli |

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwati

- Il-linji baġitarji eżistenti

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru 1AIntestatura Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | Diff./Mhux diff[12]. | minn pajjiżi tal-EFTA[13] | minn pajjiżi kandidati[14] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | 14.0301 | Diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba Xejn

*Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru Xejn | Diff./Mhux diff. | minn pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | Xejn | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

[12] Diff: = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[13] L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[14] Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

[Din it-taqsima għandha timtela bl-użu ta' **spreadsheet dwar id-dejta tal-bażit ta' natura amministrattiva** (it-tieni dokument fl-Anness ta' din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u tittella' fuq is-CISNET għal skopijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | 1A Intestatura Kompetittività għat-Tkabbir u l-impjiegi |
|---|---|---|

| DĠ: <TAXUD> | | | Sena **N**[15] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operattivi | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | Impenji | (1) | Mhux Applikabbli | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2) | Mhux Applikabbli | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[16] | | | **Mhux Applikabbli** | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | | (3) | | | | | | | | |

[15] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

[16] Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI ghad-DĠ** <TAXUD> | Impenji | =1+1a +3 | Mhux Applikabbli | | | | | | | |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | Mhux Applikabbli | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| •Approprjazzjonijiet operattivi TOTALI | Impenji | (4) | Mhux Applikabbli | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | Mhux Applikabbli | | | | | | | |
| • Approprjazzjonijiet TOTALI ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | **Mhux Applikabbli** | | | | | | | |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | Mhux Applikabbli | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | Mhux Applikabbli | | | | | | | |

**Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta / inizjattiva:**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| •Approprjazzjonijiet operattivi TOTALI | Impenji | (4) | Mhux Applikabbli | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | Mhux Applikabbli | | | | | | | |
| • Approprjazzjonijiet TOTALI ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | **Mhux Applikabbli** | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+6 | Mhux Applikabbli | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | Mhux Applikabbli | | | | | | | |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **5** | “Nefqa amministrattiva” |
|---|---|---|

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <TAXUD> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 0.067 | 0.067 | 0.067 | 0.067 | 0.067 | 0.067 | **0.067** | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | **0.030** | **0.030** | **0.030** | **0.030** | **0.030** | **0.030** | **0.030** | |
| **TOTAL tad-DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | **0.097** | |

| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | **0.097** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| | | Sena **N**[17] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | **0.097** | |
| | Pagamenti | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | **0.097** | |

[17] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| **Indika l-għanijiet u r-riżultati** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[18] | Spiża medja | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru | Spiża | Nru totali | Spiża totali |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[19]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **SPIŻA TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

[18] Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi fornuti (pereżempju: l-għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ).

[19] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/ċi…"

### *3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| | Sena N [20] | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0.067 | 0.067 | 0.067 | 0.067 | 0.067 | 0.067 | **0.067** | |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0.030 | 0.030 | 0.030 | 0.030 | 0.030 | 0.030 | **0.030** | |
| **Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | 0.097 | **0.097** | |

| **Barra l-INTESTATURA 5[21] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |

| **TOTAL** | **0.097** | **0.097** | **0.097** | **0.097** | **0.097** | **0.097** | **0.097** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[20] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

[21] Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*Stima li trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għal full time*

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | 0.5 | 0.5 | 0.5 | 0.5 | 0.5 | 0.5 | 0.5 |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)**[22] | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (AC, SNE, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (AC, AL, SNE, INT u JED fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| **XX** 01 04 **ss** [23] - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| **XX** 01 04 **ss** [23] - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (AC, SNE, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AC, SNE, INT - Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Koordinazzjoni u kuntatt mal-Istati Membri għall-Implimentazzjoni tal-proposta Leġiżlattiva. Kompiti ta' monitoraġġ. |

22 AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenzija; JED= Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet.

23 Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

| | |
|---|---|
| Persunal estern | |

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali preżenti.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tinvolvi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega dak li hemm bżonn, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | Mhux Applikabbli | | | | | | | |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati | Mhux Applikabbli | | | | | | | |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/inizjattiva[24] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| L-Artikolu ……. | | | | | | | | |

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Mhux Applikabbli

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

Mhux Applikabbli

[24] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara tnaqqis ta' 25 % għall-kostijiet tal-ġbir.